MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2876/2002

**Avviz Numru 2876/02 AJD
Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Robert Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Novembru 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija u zewg liri Maltin (Lm702.00) rappresentanti import ta' disa' kambjali, ta' Lm78.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Marzu 2002 sa Novembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 9.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala u bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' Lm6.00 konsult kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Stephen Muscat in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' seba' mija u zewg liri Maltin (Lm702.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------